MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Numru. 1002/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**vs**

**David Mifsud**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat David Mifsud ta’ 32 sena, bin Mario u Maria nee’ Costa, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Marzu, 1978 u residenti f’ numru 20, Triq il-Mithna, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ numru 166178(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer, fil-16 ta’ Marzu 2010 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel

1. Ta ordni lil haddiehor sabiex jaghmel delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kienitx giet ittestjata.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Novembru 2010 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-19 ta’ Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat il-fatt li ghandu l-fedina penali netta kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li t-tieni(2) akkuza kienet mezz ghall-fini tal-ewwel(1) akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(a) u (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 25 (1) tal-SL 65.15, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------